



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Novembru 2008 (25.11)
(OR. en)**

16087/08

**SOC 709
ECOFIN 539**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Novembru 2008
lil:	Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-messaġġi ewlenin mir-Rapport 2008 dwar l-Impjieg fl-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2008) 758 finali.

Mehmuż: COM(2008) 758 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.11.2008
KUMM(2008) 758 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-messaġġi ewlenin mir-Rapport 2008 dwar l-Impjieg fl-Ewropa

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-messaġġi ewlenin mir-Rapport 2008 dwar l-Impjieġ fl-Ewropa

1. ID-DAĦLA U S-SEJBIEŦ EWLENIN TAR-RAPPORT

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta s-sejbiet ewlenin tar-rapport dwar l-*Impjieġ fl-Ewropa 2008*. Din hija l-20 edizzjoni tar-rapport, li sar wieħed mill-għodda ewlenin tal-Kummissjoni Ewropea fl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri fl-analiżi, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-linji politiċi tagħhom dwar l-impjieġ.

L-Impjieġ fl-Ewropa jipprovdi tradizzjonalment ħarsa ġenerali tal-qagħda tal-impjieġi fl-UE, u jiffoka fuq għadd limitat ta' suġġetti li huma ta' importanza għolja fuq l-aġenda tal-politika dwar l-impjieġi fl-UE.

Is-sejbiet ewlenin tar-rapport tal-2008 jinkludu:

- Prestazzjoni ġeneralment soda tal-impjieġ fl-UE, bi tkabbir nett tal-imoġġ ta' 3.5 miljun ruħ fl-2007 u ħolqien issuktat tal-impjieġ, minkejja li b'pass aktar bati, fl-ewwel nofs tal-2008. Minkejja dan, hemm riskji sinifikanti ta' inversjoni fil-perspettiva li tifrex fuq terminu ta' żmien fil-qrib minħabba t-turbolenza li għaddejja fis-swie finanzjarji, korrezzjonijiet li qed jiżdiedu tas-suq tad-djar u d-dagħġfien tat-tkabbir tal-kummerċ globali.
- Minkejja li fuq firxa qasira sa medja ta' żmien jista' jinholq kompromess bejn it-tkabbir tal-impjieġ u dak tal-produttività, l-implimentazzjoni ta' riċetta politika adegwata għandha l-potenzjal li tikseb dan ir-riżultat.
- Immigranti riċenti¹ taw kontribut sinifikanti għat-tkabbir globali ekonomiku u tat-tkabbir tal-impjieġ fl-UE mis-sena 2000, billi għenu biex jiffaċċjaw l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tas-snaġġa' u billi żiedu l-flessibilità tas-suq tax-xogħol. Hemm qagħdiet kuntrastanti bejn l-Istati Membri tan-Nofsinhar u daww tal-Punent f'dak li għandu x'jaqsam mal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-migranti, għal mod kif jintużaw il-ħiliet li għandhom, u l-kwalità tal-impjieġi tagħhom.
- L-evidenza li nġabret sa mit-tkabbir tal-2004 turi impatt ekonomiku ġeneralment pożittiv tal-mobilità riċenti tal-UE u l-ebda tfixkil serju tas-suq tax-xogħol.
- Analiżi tal-evidenza u r-riċerka disponibbli turi lok għal titjib fil-kunċett attwali tal-kwalità tal-impjieġ tal-UE permezz tal-estensjoni tiegħu għall-pagi u l-intensità tax-xogħol. Is-sinerġiji, aktar milli l-kompromessi, jeżistu bejn il-prestazzjoni globali tas-suq tax-xogħol, il-produttività tax-xogħol, u l-kwalità tal-impjieġi. L-Istati Membri b'riżultati aktar favorevoli ta' kwalità tax-xogħol huma wkoll daww li jikklassifikaw fuq nett mil-lat ta' rati ta' impjieġ u livelli ta' produttività.

¹ L-analiżi fir-rapport hija kkonċentrata fuq immigranti riċenti, jiġifieri l-immigrazzjoni wara s-sena 2000

- Modi differenti għal-ħaddiema biex jakkumulaw il-ħiliet (pereżempju edukazzjoni formali, taħriġ vokazzjonali u esperjenza relatata max-xogħol) jingħaqdu ma' forom differenti ta' kisba tal-aċċess għall-impjieg. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-kollokazzjoni tal-impjeggi, jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet, u jiġi antiċipat il-proċess tal-bidla, jeħtieġ li jitjiebu kemm l-ambitu kif ukoll il-preċiżjoni tat-tagħrif disponibbli dwar id-domanda attwali u dik futura ta' xogħol u r-rekwiżiti korrispondenti ta' ħila.

2. IKKALMAR TAS-SUQ TAX-XOGĦOL TAL-UE WARA PRESTAZZJONI B'SAĦĦITHA FL-2007

Lejn l-aħħar tal-2007 t-tkabbir ekonomiku beda jmajna, wara t-taqlib mad-dinja kollha fis-swieq finanzjarji u prezzijiet jiżdiedu f'daqqa tal-prodotti u l-enerġija. Minkejja li t-tkabbir tal-PGD tal-UE waqa' bil-mod minn livelli ta' madwar 3 % fl-2006 u l-2007 għal-livell stmat ta' 1.4 % fl-2008, **l-impatt tal-majnar tas-suq tax-xogħol** deher modest sa nofs l-2008 (abbażi tad-dejta disponibbli sal-bidu tal-ħarifa tal-2008). Minkejja dan, il-prospett għall-impjieg mistenni jkun inqas favorevoli fix-xhur li ġejjin.

It-tkabbir tal-**impjieg** fl-UE naqas mill-perċentwali b'saħħitha ta' 1.6 % fl-2006 u l-2007, għal waħda aktar moderata ta' 1.3 % skont iċ-ċifri korrispondenti ma' daww tas-sena preċedenti fit-tieni tliet xhur tal-2008. Il-prestazzjoni b'saħħitha fl-2007 waħidha għolliet il-livelli ta' impjieg bi 3.5 miljun ruħ. Minkejja dan, **qed jibdew jidhru differenzi evidenti bejn l-Istati Membri**. Filwaqt li fl-2007 t-tkabbir tal-impjieg kien pożittiv fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Ungerija, it-tkabbir tal-impjieg skont iċ-ċifri korrispondenti ma' daww tas-sena preċedenti ddgħajef b'mod evidenti f'bosta sa nofs l-2008, u notevolment fid-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, l-Iżvezja, il-Litwanja, ir-Renju Unit u Spanja.

Sa nofs l-2008 r-rata ta' **qgħad** baqgħet stabbli fil-livelli kollha li ntlaħqu fl-2007, minkejja l-ewwel sinjali ta' majnar tal-ekonomija tal-UE fit-tieni nofs tal-2007, li jagħti x'jifhem li hemm reżiljenza tas-suq tax-xogħol għat-trawmi ekonomiċi. Fl-2007, ir-rata tal-qgħad kienet fil-livelli ta' ċifra waħda fl-istati Membri kollha minbarra s-Slovakkja. L-iktar rata baxxa kienet fl-Olanda, fejn kienet 3.2 %, filwaqt li fis-Slovakkja laħqet il-11.1 %. Minkejja dan, għet osservata taqliba tax-xejriet tal-qgħad f'għadd ta' Stati Membri inklużi Spanja, l-Italja, l-Irlanda u r-Renju Unit.

Permezz ta' prestazzjoni tajba ta' tkabbir fl-2007, ir-**rata globali ta' impjieg** zdieget bi kważi punt perċentwali wieħed għal 65.4 % fl-2007, għalkemm xorta waħda baqgħet 4.6 punti perċentwali inqas mill-mira ta' Liżbona. Ir-rata ta' impjieg għal ħaddiema nisa kienet 58.3 % u għal ħaddiema aktar avvanzati fl-età kienet 44.7 % meta mqabbla mal-miri għall-2010 ta' 60 % u 50 % rispettivament. Fid-dawl tal-prestazzjoni mdgħajfa tat-tkabbir tal-impjieg, huwa għalhekk improbabbli li l-miri ta' Liżbona għall-impjieg, apparti għan-nisa, se jinkisbu sal-2010.

Ir-rata globali ta' impjieg kienet 'il fuq minn 70 % f'seba' Stati Membri, filwaqt li f'sitta oħra kienet fl-ambitu ta' tliet punti perċentwali tal-mira. Minkejja dan, fir-Rumanija, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja u Malta, baqgħet aktar minn 10 punti perċentwali inqas mill-mira ta' 70 %. Il-mira ta' 60 % ta' **ħaddiema nisa** ntlaħqet fi 15-il Stat Membru, filwaqt li tnejn oħra kienu fl-ambitu ta' tliet punti perċentwali tal-mira. Fil-Greċja, l-Italja u f'Malta, ir-rata baqgħet aktar minn 10 punti perċentwali inqas mill-mira. Il-mira ta' 50 % tal-**ħaddiema aktar avvanzati fl-età** ntlaħqet fi 12-il Stat Membru, iżda għal 10 oħra, inklużi l-Istati Membri l-kbar ta' Franza, l-Italja u l-Polonja, is-sottoprestazzjoni kienet aktar minn 10 punti perċentwali.

It-tkabbir tal-produttività tax-xogħol (f'termini ta' PGD reali għal kull persuna impjegata) jibqa' tħassib u jista' jiddgħajjef b'mod ulterjuri jekk il-majnar osservat fl-ewwel nofs tal-2008 jipersisti jew jiddeterjora.

Fl-2007, it-tkabbir tal-produttività tax-xogħol ma kienx aktar minn 0.5 % fid-Danimarka, l-Italja, l-Iżvezja u l-Lussemburgu, filwaqt li għe rreġistrat tkabbir qawwi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-ġodda, bl-ogħla rati ('il fuq minn 6.5 %) fl-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u, speċjalment, is-Slovakkja. Fost l-ikbar Stati Membri, it-tkabbir tal-produttività tax-xogħol iddgħajjef b'mod sinifikanti fil-Ġermanja u fi Franza, u baqa' dgħajjef fi Spanja u l-Italja.

L-UE għandha tiffoka fuq li simultanjament iżżid l-impjieg u l-produttività tagħha tax-xogħol jekk trid li tikseb l-għanijiet soċjali u ekonomiċi tagħha.

Għalkemm mhija mistennija l-ebda relazzjoni inversa bejn l-impjieg u t-tkabbir tal-produttività tax-xogħol fit-tul, fatturi varji (inklużi bidliet fil-produttività tal-fatturi totali, l-intensità tal-kapital tal-produzzjoni, ir-riżerva tal-kapital uman u d-domanda aggregata) jistgħu jikkawżaw kompromessi bejn l-impjieg u t-tkabbir tal-kapital fuq terminu qasir sa medju ta' żmien, iżda politika b'għestjoni tajba jista' jkollhom effett ta' taffija. Politiki bħal dawn jirrikjeđu riformi strutturali mhux biss fis-suq tax-xogħol iżda wkoll fis-swieq tas-servizzi, tal-prodotti u f'dawk finanzjarji u ambjent makroekonomiku stabbli.

3. IMMIGRAZZJONI TA' PAJJIŻI TERZI U MOBILITÀ INTRAKOMUNITARJA

Immigranti minn pajjiż terz fis-swieq tax-xogħol tal-UE: kontribut ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u sfida importanti ta' politika

Bi sfond ta' soċjetajiet Ewropej li qed jixxjue u ħtiġijiet dejjem jikbru tas-suq tax-xogħol, l-immigrazzjoni hija mistennija li tiżdied fid-deċenji li għejjin. Filwaqt li l-immigrazzjoni tipprovd i opportunitajiet — b'mod partikolari biex ittaffi l-effetti ta' popolazzjoni li qed tixxjue, biex tgħin bl-iskarsezzi ta' ħaddiema u ta' ħiliet, u b'mod aktar ġenerali biex tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku — iġġib magħha wkoll sfidi.

L-Istati Membri huma kkaratterizzati minn storja diversa ta' immigrazzjoni u xejriet riċenti ta' immigrazzjoni, b'kompożizzjonijiet varji ta' popolazzjoni ta' immigranti mil-lat ta' oriġini, sfond kulturali, livell ta' ħila, karatteristiċi soċjoekonomiċi u mezzi ta' dħul fl-UE. Dan kollu, flimkien mal-eteroġenità eżistenti fl-Istati Membri mil-lat ta' oqsfa istituzzjonali u regoli ta' immigrazzjoni, għandu impatt fuq l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' immigranti minn pajjiż pajjiż għall-ieħor.

Fenomeni ħafa sinifikanti milli l-mobilità intrakomunitarja taċ-ċittadini tal-UE, l-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi għaddiet minn żieda sostanzjali f'dawn l-aħħar snin, u telgħet bi tliet darbiet bejn nofs is-snin 90 u l-bidu tas-snin 2000. Fil-fatt, immigranti li mhumie x mill-UE li waslu f'dawn l-aħħar seba' snin jgħoddu għal kważi terz tal-immigranti kollha li mhumie x mill-UE li għandhom età tax-xogħol. Fl-istess waqt, l-influssi saru iktar diversifikati, b'influss ikbar ta' nies mill-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel u b'migrazzjoni ħafa akbar lejn pajjiżi fin-Nofsinhar tal-Ewropa iktar mnn qatt qabel.

Immigranti li waslu dan l-aħħar taw kontribut sinifikanti għat-tkabbir ekonoiku totali u għall-espansjoni tal-impjieg (madwar kwart) fl-UE mis-sena 2000 'il hawn, li ħallew biss impatti limitati fuq il-pagi domestiċi u l-impjieg. Huma għinu biċ-ċar biex itaffu l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet, b'tendenza li jkun impjegati f'dawk is-setturi fejn id-domanda kienet l-

akbar, b'mod partikolari fil-faxxa ta' sengħa minuri fil-firxa tal-impjieg. L-evidenza tagħti x'tifhem li ġeneralment kienu komplementari għall-ħaddiema mwielda fl-UE aktar milli sostituti tagħhom u kkontribwew għal flessibilità akbar tas-suq tax-xogħol.

Minkejja dan, l-UE għad għandha t-tendenza li tiġbed fil-biċċa l-kbira immigranti li mhumieq daqshekk tas-sengħa: 48 % tal-migranti ta' dan l-aħħar li għandhom l-età li jaħdmu mhumieq daqshekk tas-sengħa u wieħed minn kull ħamsa biss huma tas-sengħa.

L-aċċess għall-impjieg huwa element għall-integrazzjoni b'suċċess fis-soċjetajiet li qed jilqgħu; iżda f'bosta Stati Membri l-qagħda tas-suq tax-xogħol għall-immigranti hija sostanzjalment agħar minn dik għan-nies imwielda fl-UE — għandhom it-tendenza ta' rati ta' impjieg aktar baxxi u bosta drabi għandhom probabilità akbar li jkunu qiegħda, jew ikunu impjegati f'impjieg ta' kwalità iktar baxxa jew li għalihom huma kkwalifikati żżejjed.

Fil-pajjiżi l-ġodda ta' immigrazzjoni tan-Nofsinhar tal-Ewropa li waslulhom flussi kbar ta' immigrazzjoni tax-xogħol matu dawn l-aħħar snin, l-immigranti għandhom prestazzjoni aqwa milli daww imwielda fl-UE fis-suq tax-xogħol. Fil-bqija tal-Istati Membri l-antiki, fejn mezz oħra ta' immigrazzjoni kienu relattivament aktar importanti, l-immigranti għandhom tendenza li jkollhom riżultati globali inferjuri tas-suq tax-xogħol (mil-lat ta' rati ta' impjieg) meta mqabbla ma' min twieled fl-UE.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, immigranti ta' dan l-aħħar, partikolarment in-nisa u n-nies li joriġinaw minn ċerti reġjuni, jiffaċċjaw dewmien sinifikanti biex jifgħu sieqhom fis-suq tax-xogħol, li jista' jħalli impatti li jifirxu aktar fit-tul fuq ir-riżultati tagħhom tas-suq tax-xogħol.

B'mod ġenerali, il-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Ewropa jidhru li jirnexxilhom iktar li jwasslu l-immigranti għall-impjieg, iżda b'riskju ikbar li huma kkwalifikati żżejjed u esposti għal impjieg prekarju u ta' kwalità inferjuri. B'kontrast ma' dan, l-Istati Membri tat-Tramuntana juru rata iktar baxxa ta' kwalifiki żejda tal-immigranti iżda għandhom lakuni akbar fir-rati ta' parteċipazzjoni u ta' impjieg, u rati oġġla ta' qgħad, għall-immigranti meta mqabbla ma' min twieled fl-UE.

Il-fatturi ewlenin li jinsabu wara d-differenzi madwar l-Istati Membri fl-integrazzjoni tal-immigranti fis-suq tax-xogħol jinkludu l-mezz ta' dħul tal-immigrazzjoni, il-pajjiż tal-oriġini, l-għarfien tal-ilsien tal-pajjiż li qed jospita, id-disponibilità ta' miżuri ta' appoġġ u ta' integrazzjoni mal-wasla, l-inflessibilitajiet tas-suq tax-xogħol u r-restrizzjonijiet tal-aċċess fil-pajjiż li qed jospita, l-għarfien inadegwat tal-kwalifiki miksuba 'l barra mill-UE, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol u d-diskriminazzjoni Dawn jindikaw fejn għandhom jiffukaw il-miżuri ta' politika biex iżidu l-integrazzjoni tal-immigranti fis-suq tax-xogħol u fir-riżultati.

Il-mobilità tal-ħaddiema minn mindu sar it-tkabbir ta' dan l-aħħar: esperjenza ġeneralment pożittiva²

Erba' snin wara t-tkabbir tal-UE tal-2004 u 'l fuq minn sena wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, Prattikament l-evidenza kollha disponibbli tindika li l-impatt ekonomiku tal-

² Deskrizzjoni aktar dettaljata tas-sejbiet ewlenin tinsab fir-rapport dwar l-Impatt tal-moviment ħieles tal-ħaddiema fil-kuntest tat-tkabbir tal-UE tal-Kummissjoni, adottat flimkien ma' din il-Komunikazzjoni (COM(2008) 765 finali)

mobilità intrakomunitarja kienet meta jitqies kollox waħda pożittiva, u li ma wassal għal tfixkil serju tas-suq tax-xogħol, ukoll fi Stati Membri li raw influuss relattivament kbir ta' migranti minn Stati Membri ġodda.

Dejta disponibbli tindika li l-għadd ta' residenti tal-UE-10 fl-UE-15 jista' jkun li żdied b'aktar minn miljun u ta' Rumani u Bulgari b'aktar minn 850 000 mill-2003 'l hawn. Dawn huma ċifri sinifikanti, partikolarment fid-dawl tal-medda ta' żmien relattivament qasira.

Mil-lat ta' mobilità riċenti mill-UE-10, l-Irlanda u r-Renju Unit kienu 'l-pajjiżi ta' wasla' ewlenin, kif ukoll fi kwantità iċken, l-Awstrija u l-Ġermanja.

Flussi mill-Bulgarija u r-Rumanija prinċipalment kienu diretti lejn Spanja u l-Italja, u dan kien jinvolvi l-aktar ċittadini Rumani— proċess li beda konsiderevolment qabel mill-adeżjoni tal-UE tar-Rumanija u l-Bulgarija fl-2007.

Relattivament mad-daqs tagħhom ta' popolazzjoni, ir-Rumanija u l-Bulgarija kienu wkoll 'il-pajjiżi ta' tluq' ewlenin flimkien mal-Litwanja, Ċipru, il-Polonja, il-Latvja, is-Slovakkja, l-Estonja u l-Portugall, filwaqt li l-fluss 'il barra mill-Istati Membri l-oħra l-ġodda kien ħafna inqas sinifikanti.

Minkejja d-daqs sinifikanti tagħhom, il-flussi tal-mobilità intrakomunitarja mit-tkabbir 'il hawn qatt ma laħqu dimensjonijiet ta' 'mewġa ġganteska' li inizjalment beżgħu minnha ċerti osservaturi. Bejn l-2003 u l-2007, il-porzjon medju tal-popolazzjoni tal-barranin tal-UE-10 fl-UE-15 żdiedet minn madwar 0.2 % għal 0.5 %.

Fl-istess perjodu, il-porzjon tal-popolazzjoni taċ-ċittadini Rumani u Bulgari residenti fl-UE-15 tela' minn 0.1 % għal 0.4 % - proċess li beda konsiderevolment qabel l-2007. B'paragun, il-porzjon tal-popolazzjoni taċ-ċittadini tal-UE-15 residenti f'pajjiż ieħor tal-UE-15 tela' minn 1.5 % għal madwar 1.7 % u ta' nies mhux ċittadini tal-UE-27 minn 3.6 % għal 4.3 %.

Barra minn hekk, mhemm l-ebda indikazzjoni li l-flussi intrakomunitarji ta' dan l-aħħar qabżu l-kapaċitajiet ta' assorbiment tas-swieq tax-xogħol. Kemm fil-pajjiżi ewlenin ta' wasla kif ukoll f'dawk ta' tluq, il-pagi tal-ħaddiema lokali ssuktaw jiżdiedu u l-qgħad naqas minn mindu sar it-tkabbir.

Ukoll meta ssir analiżi tal-effetti iżolati tal-migrazzjoni u tal-mobilità fuq il-pagi u l-qgħad, studji empiriċi konsistentement sabu impatti żgħar ħafna fuq il-pagi u l-qgħad tal-ħaddiema lokali.

Mewġa ulterjuri ta' mobilità tal-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda tidher li mhijiex probabbli. L-evidenza tindika li l-konverġenza miżjuda fl-introjt u l-impjieg bejn l-Istati Membri l-antiki u dawk ġodda diġà qiegħda tnaqqas l-inċentiv ekonomiku ta' ċaqliq u hija probabbli li tikkontribwixxi għal tnaqqis ulterjuri fil-forniment tal-ħaddiema mill-istati membri l-ġodda. Flimkien ma' dan, minħabba t-tnaqqis sostanzjali taż-żgħażaġħ ta' mpar xulxin, ir-riserva ta' ħaddiema mobbli potenzjali mill-Istati Membri ċentrali u dawk tal-Lvant qiegħda tiċkien, li probabbli fil-gejieni se tnaqqas il-flussi tal-mobilità ġeografika fi ħdan l-UE.

Il-flussi tal-mobilità lejn ir-Renju Unit u l-Irlanda, li jidhru li laħqu l-quċċata tagħhom fl-2006, naqsu b'mod sinifikanti fl-2007 u fl-ewwel tliet xhur tal-2008. Hemm indikazzjonijiet ta' flussi miżjuda ta' ritorn, partikolarment mir-Renju Unit. Barra minn dan, il-ftuħ tas-swieq tax-xogħol għall-ħaddiema tal-UE-8 fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE-15 mill-2006 'l hawn

wassal għal diverżjoni limitata tal-flussi tal-migrazzjoni lejn Stati Membri oħra. Ħafna nies mill-Bulgarija u r-Rumanija diġà ċċaqlqu u matul dawn l-aħħar snin qegħdin jaħdmu xi mkien ieħor fl-UE. Dan jindika li ħafna minn dawk li riedu jiċċaqlqu diġà għamlu dan u li l-potenzjal tal-migrazzjoni addizzjonali mill-Bulgarija u r-Rumanija hija limitata.

Mill-perspettiva tal-Istati Membri l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' "mobilità għolja", flussi 'l barra sostanzjali ta' ħaddiema spiss jitqiesu bħala xafra taqta' minn żewġ naħat. Min-naħa l-waħda, il-flussi 'l barra għenu biex inaqqsu l-qgħad. Min-naħa l-oħra, il-flussi 'l barra ta' fil-biċċa l-kbira żgħażaġh u nies ikkwalifikati ħafna jqajmu tħassib dwar il-'brain drain' u l-iskarsezza tal-ħaddiema fil-pajjiżi ta' tluq. Iżda hemm għadd ta' fatturi li jistgħu jgħinu biex itaffu dawn il-problemi, bħalma hija ż-żieda riċenti sinifikanti fir-rati ta' reġistrazzjonijiet għall-edukazzjoni universitarja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-ġodda, in-natura temporanja ta' mobilità bħal din, u l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawk li jerġgħu lura spiss jaslu b'ħiliet imtejba tax-xogħol u b'kuntatti internazzjonali li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal pajjiż twelidhom.

4. IL-KEJL TAL-KWALITÀ TAL-IMPJIEGI FL-UE

Il-kwalità tal-impjiegi hija mnaqqxa fl-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi, u hija riflessa fis-sejħa għal impjiegi aktar numerużi u ta' kwalità aqwa. Minkejja dan, it-tkabbir sinifikanti tal-impjiegi fl-UE matul dawn l-aħħar għaxar snin ħabat mat-tħassib mifruż dwar il-kwalità ta' bosta impjiegi Ewropej, relatat mal-inċidenza aktar frekwenti ta' xogħol temporanju, l-espożizzjoni miżjuda għal pressjonijiet kompetittivi, u perċezzjonijiet ta' kondizzjonijiet li qed jiddeterjoraw tax-xogħol u intensità akbar tax-xogħol. Dan jitlob li r-riżultati u x-xejriet tal-kwalità tal-impjiegi fl-UE jiġu riveduti.

Il-kwalità tal-impjiegi ma tistax tiġbor fiha kompletament permezz tal-pagi; minħabba difetti fis-suq bħalma huma informazzjoni mhux kompluta, pereżempju fir-rigward tal-livell tal-kapital uman. Barra minn dan, is-sodisfazzjon fl-impjiegi jidher li jiddependi mhux biss fuq dak li jirriżulta mill-impjiegi, bħala huma l-pagi, iżda wkoll fuq il-kondizzjonijiet u l-proċessi li jwasslu għalih, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-awtonomija u l-intensità tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

Jekk nieħdu perspettiva li tifrex fit-tul, il-possibilità li jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u r-responsabilitajiet privati u dawk tal-familja, flimkien mal-probabilità ta' tranżizzjonijiet pożittivi tas-suq tax-xogħol u l-avvanz fil-karriera, huma wkoll dimensjonijiet ewlenin tal-kwalità tax-xogħol.

Żviluppi teoretiċi riċenti, kif ukoll hídma li għadha għaddejja dwar l-ambiti tal-kwalità tal-istituzzjonijiet internazzjonali varji, jipprovdu opportunità għar-reviżjoni tal-kunċett attwali tal-UE tal-kwalità tal-impjiegi. Filwaqt li l-kunċett tal-UE jagħraf il-multidimensjonalità tal-kwalità tal-impjiegi, u jinkorpora fih kemm l-elementi varjabbli oġġettivi kif ukoll suġġettivi (bħalma huwa s-sodisfazzjon mix-xogħol), hemm lok għal titjib. Il-kunċett attwali ma jinkludix elementi varjabbli importanti bħalma huma l-pagi u l-intensità tax-xogħol, u jkopri biss parzjalment dimensjonijiet bħalma huma t-taħriġ u l-edukazzjoni. Min-naħa l-oħra, jinkludi elementi varjabbli ekonomiċi aggregati li mhumiex direttament relatati ma' karatteristiċi speċifiċi ta' impjiegi u ħaddiema.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni, ġie analizzat sett tad-dejta li jkopri l-UE-27 fl-2005-2006, bil-ħsieb li jiġu identifikati d-dimensjonijiet li jiġbru fihom l-essenza tal-kwalità tal-impjiegi madwar l-UE kollha. Ġew identifikati l-erba' dimensjonijiet ewlenin li ġejjin:

- i) is-sikurezza soċjoekonomika (inklużi l-livelli u t-tqassim tal-pagi);
- ii) l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- iii) il-kundizzjonijiet tax-xogħol (inkluża l-intensità tax-xogħol);
- iv) ir-rikonċiljazzjoni tal-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik 'il barra mix-xogħol u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Analiżi tal-prestazzjoni ta' Stati Membri fir-rigward ta' dawn id-dimensjonijiet jippreżentaw tipi differenti ta' sfidi ewlenin għall-Istati Membri Nordiċi, Kontinentali, dawk tan-Nofsinhar u dawk ġodda. Dawn is-sitwazzjonijiet tipiċi huma b'mod ġenerali konsistenti ma' erba' tipi ta' sitwazzjonijiet u sfidi tal-pajjiżi deskritti fir-rigward tal-flessikurezza (ara L-Impjieg fl-Ewropa 2006 u 2007).

L-inklużjoni tal-pagi u l-intensità tax-xogħol u l-esklużjoni tal-indikaturi ta' prestazzjoni makroekonomika (mhux direttament relatati għal kwalità tal-impjiegi) hija fundamentali biex ittejjeb il-karatterizzazzjoni ta' riżultati nazzjonali tal-kwalità tal-impjiegi, meta mqabbla mad-definizzjoni oriġinali tal-kwalità tal-impjiegi.

Analiżi dinamika tal-kwalità tal-impjiegi fuq il-bażi ta' indiċi sintetiku kompost minn sett limitat ta' elementi varjabbli tindika li t-tipoloġija tal-pajjiżi skont is-sitwazzjonijiet tagħhom ta' kwalità tal-impjiegi għandha tendenza li tkun relattivament stabbli biż-żmien.

Il-karatterizzazzjoni tal-kwalità mil-lat ta' indikaturi li jifirxu mal-ekonomija sħiħa tenfasizza s-sinerġiji, aktar milli l-kompromessi, bejn il-prestazzjoni totali tas-suq tax-xogħol, il-produttività tal-ħaddiema u l-kwalità tal-impjiegi. L-Istati Membri li għandhom riżultati aktar favorevoli tal-kwalità tal-impjiegi huma wkoll dawk li jiġu minn ta' fuq nett mil-lat ta' rati ta' impjieg u livelli tal-produttività.

5. L-EDUKAZZONI U L-IMPJIEG: ROTOT DIFFERENTI MINN MADWAR IL-KARIGI

Tħassib rikorrenti ta' dawk li jfasslu l-politika fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-impjieg huwa l-kollokazzjoni stunata perċepita bejn l-edukazzjoni u l-livelli ta' ħiliet tal-ħaddiema, u r-rekwiżiti reali tal-impjieg fis-suq tax-xogħol. Il-globalizzazzjoni, il-bidla fit-teknoloġija, popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, u bidliet usa' tas-soċjetà kollha kemm huma servew biex iżidu l-inċertezza dwar il-ġejjieni u jikkontribwixxu għal sens ta' insigurtà. Il-ħaddiema huma probabbli dejjem iżjed li jgħaddu minn bosta tranżizzjonijiet u li jwettqu kompiti differenti matul il-ħajja tagħhom ta' xogħol. Konsegwentement, jeħtieġu li jingħataw appoġġ matul tranżizzjonijiet spissi bħal dawn minn serje ta' miżuri, bħalma huma benefiċċji tal-qgħad, sussidji għat-taħriġ, għoti ta' pariri u għajjuna ta' gwida għall-karriera.

Dawk li jfasslu l-politika rreaġixxew b'varjetà ta' inizjattivi mmirati li jantiċipaw b'mod aqwa l-ħtiġijiet futuri tas-suq lejn ġestjoni aqwa tal-proċess tal-bidla. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet jirrikjedi strateġija integrata ta' politika li tgħolli l-livelli ta' ħiliet, inklużi dawk transversali, tiffaċilita t-tranżizzjonijiet u timmodernizza l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol. Valutazzjoni regolari tal-ħtiġijiet futuri ta' ħiliet se tkun kritika biex tfassal strateġiji ta' tgħalim li jissokta matul il-ħajja u politiki effiċjenti tas-suq tax-xogħol, u permezz ta' hekk tgħin biex twettaq il-politiki tal-flessikurezza fil-prattika.

L-inizjattiva *Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda* timmira primarjament biex ittejjeb id-disponibilità u l-kwalità tal-informazzjoni dwar id-domanda attwali u dik futura tax-xogħol u r-rekwiżiti korrispondenti ta' ħiliet, sabiex issaħħaħ il-kwalità tal-kollokazzjoni tal-impjiegi. Minkejja r-rekwiżiti tas-soltu assoċjati ma' tbassir dwar xogħol, eżerċizzji bħal dawn iservu ta' għodda indispensabbli biex tgħarraf aħjar lil dawk li jfasslu l-politika u sabiex tinkiseb kollokazzjoni aqwa bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet.

Flimkien mad-domanda tax-xogħol u t-tbassir tar-rekwiżiti tal-ħiliet, għandhom jitwettqu eżerċizzji aktar kwalitattivi, bħalma huma analiżi prospettivi, servejs ta' min jimpjega, studji tal-każijiet jew eżerċizzji tal-immudellar tal-kompetenzi tal-impjiegi. Dawn l-eżerċizzji huma essenzjali għall-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda fir-rekwiżiti u l-bidliet tal-kompetenza fil-kontenut tal-karigi. Taħlita ta' kemm metodi kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, li tkopri perjodi differenti ta' żmien u li tiġi aġġornata regolarment kull tant żmien, għandha żżomm lil dawk li jfasslu l-politika informati u għandha tgħinhom biex itejbu l-kollokazzjoni tal-impjiegi fl-UE u jadattaw sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ħtiġijiet ġodda.

Il-kollokazzjoni tal-impjiegi hija partikolarment affettwata minn difetti fis-suq ikkawżati minn informazzjoni insuffiċjenti jew aspettattivi inkorretti. Il-ħaddiema spiss ikollhom nuqqas ta' informazzjoni dawr l-aqwa opportunitajiet ta' xogħol disponibbli. Mod wieħed kif tinġabar u tixxandar informazzjoni bħal din għandu jkun l-iżvilupp ta' 'għodda għall-esplorazzjoni tal-karriera' armonizzata tal-UE ispirata mill-aqwa prassi internazzjonali. Għodda bħal din tista' tintuża minn bosta individwi u organizzazzjonijiet għall-skopijiet diversi (pereżempju għoti ta' pariri dwar l-impjiegi u projezzjonijiet tal-karigi).

Analiżi empirika tar-relazzjoni bejn l-edukazzjoni u l-karigi fil-livell tal-UE mwettqa fir-rapport tagħti lok għal karatterizzazzjoni iktar għanja li tiddependi parzjalment fuq il-politiki tar-riżorsi umani tad-ditti. Pereżempju, dawk li jħaddmu ma jaqblux dwar l-importanza mogħtija lill-oqsma tal-edukazzjoni meta mqabbla mal-esperjenza tax-xogħol; l-aċċess għal ċerti karigi huwa limitat għal ċerti livelli ta' edukazzjoni u għal ċerti oqsma tal-istudju; għadd ta' karigi huma miftuħa għall-ħaddiema b'*curriculum vitae* distint; u wħud mill-karigi joffru opportunitajiet aqwa għal taħriġ vokazzjonali ssuktat, u jgawdu minn komplementaritajiet mal-livell inizjali ta' edukazzjoni. L-analiżi mwettqa tidentifika b'mod tentattiv tmien modi differenti għall-ħaddiema biex jakkumulaw ħiliet matul iċ-ċiklu tal-ħajja (pereżempju edukazzjoni formali, taħriġ vokazzjonali u esperjenza relatata max-xogħol) li jamalgamaw ma' għamliet differenti ta' kisba tal-aċċess għall-impjieg. Dawn ir-riżultati, flimkien mal-informazzjoni dwar istituzzjonijiet u politiki, jistgħu jikkontribwixxu għal demarkazzjoni statistika ta' impjiegi u opportunitajiet ta' taħriġ, u eventwalment itejbu l-kollokazzjoni bejn il-provvista u d-domanda għall-ħiliet.

6. IL-KONKLUŻJONIJIET

Minkejja s-sinjali li qed jiżdiedu ta' tkabbir ekonomiku li qed imajna, il-prestazzjoni b'saħħitha tas-swieq tax-xogħol tal-UE ssuktat matul l-2007, u wasslet għal żieda netta ta' 3.5 miljun bħala total ta' impjiegi.

L-ambjent ekonomiu li sejjer lura, partikolarment mil-lat ta' turbolenza fis-sistemi finanzjarji, qed jintensifika r-riskji għall-impjieg fil-futur qrib. Matul dawn l-aħħar snin il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri implimentaw riformi strutturali importanti fil-qasam tal-impjieg, u d-deterjorazzjoni ċiklika attwali fl-attività ekonomika se ġġiegħel lis-saħħa ta' dawn ir-riformi tgħaddi minn prova .

Inċertezza dejjem tiżdied u kondizzjonijiet li qegħdin jinbidlu b'rata mgħaġġla qed isiru l-ambjent tipiku għas-swieq tax-xogħol tal-UE u għat-tfassil ta' politika relatat. Influssi dejjem jikbru ta' ħaddiema migranti minn barra l-UE, flimkien maż-żieda fil-flussi intrakomunitarji tal-mobilità wara l-aħħar żewġ okkażjonijiet ta' tkabbir, kienu fatturi ewlenin li servew ta' mutur tat-tkabbir ekonomiku u r-riżultati tal-impjieg f'dawn l-aħħar snin, iżda qegħdin ukoll jiffurmaw il-kondizzjonijiet ekonomiċi u soċjali fl-UE f'sens usa'. B'ħarsa lejn dawn il-fenomeni, ir-rapport ta' din is-sena jenfasizza l-kontribut essenzjalment pożittiv tagħhom u jidentifika għadd ta' sfidi importanti ta' politika li jirriżultaw minn din il-qagħda ġdida.

Il-flessigurtà kienet reazzjoni riċenti importanti tal-politika tal-UE għaċ-ċertezzi antiki li qed jisparixxu fis-swieq tax-xogħol Ewropej. Publikazzjonijiet preċedenti ta' *L-Impjieg fl-Ewropa* għamlu kontribut analitiku għall-valutazzjoni tal-merti tal-politiki tal-flessikurezza. Billi jmur lura għal kwistjoni tal-kwalità tal-impjieg, ir-rapport ta' din is-sena jqiegħed il-flessigurtà f'kuntest usa' u jsib mhux biss elementi ta' kumplementarjetà bejn iż-żewġ kunċetti, iżda wkoll sinerġiji importanti bejn il-kwalità tal-impjieg u l-prestazzjoni totali ekonomika u dik tal-impjieg.

Fl-aħħar nett, kollokazzjoni mtejbja u tranżizzjonijiet iktar effiċjenti fis-suq tax-xogħol huma fost il-miri ewlenin tal-metodu tal-flessigurtà. Għalhekk dan ir-rapport jenfasizza l-importanza li jinħakmu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni u l-karigi f'dan ir-rigward. Huwa jenfasizza r-rwol tal-korpi pubbliċi fl-identifikazzjoni ta' opportunitajiet attwali u futuri ta' opportunitajiet ta' impjieg u rekwiżiti relatati ta' hili, kif viżwalizzat mill-inizjattiva *Ħiliet Ġodda għall-Impjieg Ġodda*, u l-ħtieġa għall-investiment ulterjuri fl-iżvilupp tal-ħiliet kemm taż-żgħażaġh kif ukoll tal-adulti.

Ir-rapport "L-Impjieg fl-Ewropa tal-2008" huwa ppubblikat f'din il-websajt:
<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=119&langId=en>